Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10320 — Aperam/ELG Haniel)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 432/07)

1. Fid-19 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aperam S.A. ("Aperam", il-Lussemburgu),

— ELG Haniel GmbH ("ELG", il-Ġermanja), li tappartjeni għal Franz Haniel & Cie. GmbH (il-Ġermanja).

Aperam takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' ELG kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u/jew assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Aperam tipproduċi azzar inossidabbli, azzar għall-elettriku u liegi speċjali,

— ELG hija attiva fil-kummerċ, l-ipproċessar u r-riċiklaġġ tal-materja prima għall-industrija tal-azzar inossidabbli, kif ukoll materjali ta' prestazzjoni għolja bbas-superligi u t-titanju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10320 — Aperam/ELG Haniel

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").